HAL BALZAN

L-EWWEL SENA Nru. 5 — LEHEN IL-KUMITAT ĊIVIKU — MEJJU/ĠUNJU 1972

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN

(5) HAL BALZAN ISIR PARROĊĊA

minn Dun Ġwann Dimech

BIRKIRKARA HIJA L-OMM TAL-PARROĊĊI TA' H'ATTARD, HAL BALZAN, HAL LIJA, SAN ĠILJAN, TAS-SLIEMA KOLLHA, IL-GŻIRA, L-IMSIDA, U SANTA VENNERA. ĠURNATA DAWN IL-PARROĊĊI KOLLHA K'ENU MAGHQUDIN MA' OMMHOM, IŻDA FIL-MEDDA TAS-SNIN, DAWN KOLLHA SARU PARROĊĊI GHALIHOM. BIEX TWETTAQ DAN MA KIENX FAĊLI, GHALIEX BIEX PARROĊĊA TINFIRED MINN OHRA JEHTIEĠ LI JKUN HEMM RAĠUNIJIET SODI.

Meta H'Attard sar Parroċċa għalih fis-sena 1575 u Hal Lija nfirdet ukoll minn Brkirkara fis-sena 1594, il-Matriċi ta' Birkirkara kienet għadha biss parroċċa; iżda għalkemm nhar id-9 ta' Diċembru 1630 saret Kolleġġjata, in-nies ta' Hal Balzan, li kienu għadhom magħqudin magħha fil-ħsieb tar-ruħ, xejn ma qagħdu jfittxu unuri, u qiesu biss qieshom. (1) Għalhekk, peress li r-raħal ta' Hal Balzan kien qed kull ma jmur jiżdied fil-popolazzjoni, n-nies bdew ifittxu li huma wkoll jinfirdu mill-Parroċċa ta' Birkirkara bħal ma għamlu H'Attard u Hal Lija.

Fil-bidu għedna li biex parroċċa tinfired mill-Matriċi jew biex tiġi mwaqqfa, hemm bżonn li jkun hemm raġunijiet gravi. Wieħed jistaqsi: "Liema kienu r-raġunijiet li għalihom Hal Balzan twaqqaf Parroċċa għalih"?

Fl-ewwel Viżta Pastorali li saret mill-Viżitatur Apostoliku Mons. Pietru Duzina lil Hal Balzan nhar l-1 ta' Frar 1575, insibu li x'uħud ressqu quddiem dan il-Viżitatur xi lmenti tagħhom dwar l-amministrazzjoni tas-sagramenti, kif ukoll dwar id-dfin u l-ħlas. (2)

Raġunijiet oħra li juru biċċar kemm Hal Balzan kien jistħoqqlu jsir Parroċċa, maqtugħa minn dik ta' Birkirkara, huma: (1) li n-numru tan-nies laħaq il-500 ruħ li joqogħdu f'130 lok; (2) li Hal Balzan kien mil bogħod minn Birkirkara; (3) li meta kienet tagħmel ix-xita qawwija ma kinux jistgħu jgħaddu mill-wied biex imorru l-parroċċa; f'kelma waħda kellhom it-tbatija biex imorru f'Birkirkara għas-sagramenti u l-ħwejjeġ l-oħra tar-ruħ.

Għalhekk in-nies ta' Hal Balzan ħatru żewġ prokuraturi: lill-Kjeriku Marco Antonio Chetcuti u lil Pietru Micallef, biex f'isem il-poplu tar-Rahal jitkellmu għalihom u jitolbu lill-Isqof Michael Joannes Balaguer Camarasa biex jifred lil Hal Balzan mill-Matriċi ta' Birkirkara u jagħmlu Parroċċa għalih. Mar-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li għamel l-Isqof Balaguer, nhar id-19 ta' Marzu 1655, insibu r-rikors li ppreżentaw lill-Isqof iż-żewġ prokuraturi. Dan ir-Rikors igħid hekk:

"Eċċellenza Reverendissima,

F'isem il-poplu ta' Hal Balzan, li jagħmel sehem mill-Parroċċa u Knisja Kolleġjata ta' Sant' Elena ta' Birkirkara ta' din id-Djoċesi ta' Malta, il-Kjeriku Marco Antonio Chetcuti u Pietru Micallef, Prokuraturi ta' l-imsemmi poplu, sudditi devoti ta' l-Eċċellenza Illustrissima u Reverendissima Tiegħek, jitolbu u b'kull qima jgħidu li, peress li l-imsemmi Hal Balzan hu mbiegħed mill-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Birkirkara mill-inqas mil 'il bogħod, kif jidher tajjeb bl-għajnejn, u li bejn iż-żewġ postijiet hemm il-wied li jifridhom, li meta tagħmel ħafna xita ma jkunx possibbli li wieħed jaqsam minn naħa għal oħra, dan l-imsemmi poplu, biex jevita d-diffikultajiet, kif ukoll il-perikoli li jiltaqa' magħhom biex jirċievi s-sagramenti u biex jaqdi dmirijiet oħra spiritwali fl-imsemmija Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Birkirkara, xtaq u jittama li jiġi mogħti lilu r-rimedju mistħoqqlu bit-twaqqif ta' Parroċċa ġdida f'dan l-istess raħal ta' Hal Balzan. Kien fuq dan il-kriterju li mexa Mons. Pietru Duzina meta, bħala Viżitatur Apostoliku, sa missena 1575, mhux biss kien ordna li dan l-imsemmi poplu seta' bi spejjeż tiegħu jżomm Qassis biex jista' jamministra s-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin fil-Knisja ta' l-Annunzjata, li qiegħda fl-istess Hal Balzan, iżda waqqaf ukoll il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament u għad li dan ma ġiex imwettaq, minn dak inhar sal-lum bosta drabi min-naħa ta' l-imsemmi poplu ġiet it-talba tat-twaqqif ta' Parroċċa ġdida f'dan ir-raħal għar-raġunijiet aktar 'il fuq imsemmija. Ma' dawn insemmu li ġraw bosta każi li nies mietu bla ma rċevew is-sagramenti mħabba d-distanzi li jeżistu bejn post u ieħor; dan qed nibbażawh fuq l-informazzjonijiet mogħtija fis-sena 1633. U għalhekk mhux biss li t-twajba Giovanna Chetcuti fl-aħħar testment li għamlet ħalliet lill-imsemmija Knisja ta' l-Annunzjata biċċa art magħrufa b'"Ta' Hauisca", li qiegħda fil-kontrada ta' Hal Balzan jew ta' L-Iklin, iżda li din l-art tingħata b'kundizzjoni li din il-Knisja ta' l-Annunzjata ssir Parroċċa u li d-dħul tal-flus ta' din l-art nofs imur għall-Veneranda Lampa u n-nofs l-ieħor imur għall-Kappillan. Nies oħra minn Hal Balzan u li llum huma mejta ħallew legati oħra, x'uħud biex imorru għall-imsemmija Knisja ta' l-Annunzjata, u oħrajn għall-Knisja ta' Marija Assunta li qiegħda f'dan l-istess raħal dejjem bl-istess kundizzjoni li Hal Balzan isir Parroċċa. Fl-aħħarnett ngħidu li fix-xahar ta' Marzu aħna li qed nitolbu u kważi n-nies kollha ta' dan ir-raħal, offrejna flus li jlaħħqu s-somma ta' mija u ħamsa w għoxrin uqija u ħames tari bħala Kapital u somom oħra li jidħlu kull sena minn ċnus biex ikun jista' jinżamm il-Kappillan il-ġdid u dawk li jiġu warajh. Peress li n-numru ta' nies li joqogħdu f'Hal Balzan kiber sewwa, l-oraturi jirrikorru lejn l-Eċċellenza Tiegħek Illustrissima u Reverendissima u jitolbuk li biex tevita l-perikoli ta' l-erwieħ għar-raġunijiet ġa msemmija, u mħabba n-numru kbir ta' nies mhux biss ta' Birkirkara iżda ta' l-imsemmi Hal Balzan li bejn żgħar u kbar ilaħħaq in-numru ta' 500 li joqogħdu f'130 lok, jitolbu li jinfirdu mill-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Birkirkara u li Hal Balzan bil-Knejjes tiegħu, djar, bl-artijiet u b'kull ġid li lilhom jappartjieni jsir Parroċċa għalih u li bħala Knisja Parrokkjali tiġi magħżula l-Knisja ta' l-Annunzjata biex isservi ta' Knisja Parrokkjali għall-poplu ta' dan ir-rahal ta' Hal Balzan bis-setgħa li jiġu amministrati s-sagramenti u sservi għall-kura ta' l-erwieħ, kif soltu jitwettqu mill-Kappillani bis-setgħa kollha, karigi u unuri. In-nies ta' dan ir-raħal jintrabtu li jagħtu ta' kull sena lill-Kappillan il-primizji tal-qamħ, tax-xgħir u tal-qoton bħal ma kienu jagħtu qabel lil-Kappillan ta' Birkirkara.

Filwaqt li nistennew il-kunsens tal-Qdusija Tiegħu l-Papa u tas-Santa Sede Apostolika, noffru ruħna lilek Eċċellenza Revma. f'dak kollu li hu ta' ħtieġa u dejjem obbligati lejk, nitolbu 'l Alla l-Missier biex jagħtik ħajja twila u hienja." (3).

Il-Balzanin joffru l-Beni biex Hal Balzan isir Parroċċa

Il-Balzanin, li kienu verament qed iħossu l-ħtieġa li r-raħal tagħhom isir Parroċċa, ma ridux ikunu nies li jitolbu biss id-drittijiet tagħhom mingħajr ma jagħtu xejn milli kellhom; anzi minn dak li ser naraw issa nintebħu kemm dawn il-500 ruħ kienu nies ġenerużi, lesti biex jagħmlu kull sagrifiċċju basta jkunu moqdija f'dak kollu li hu meħtieġ għal ruħhom.

Mar-rikors fuq imsemmi, insibu kopja ta' tliet kuntratti li n-nies kienu għamlu quddiem in-Nutara Pubbliċi. Permezz ta' dawn il-kuntratti, in-nies intrabtu li jagħtu somom ta' flus, renti annwali, u tħollija ta' beni oħra biex tinħoloq prebenda għall-Kappillan, u biex wara li l-Parroċċa ta' Hal Balzan tinfired minn dik ta' Birkirkara tkun tista' tibda tiġi mibnija Knisja ġdida biex 'il quddiem tkun tista' sservi bħala Knisja Parrokkjali wara dik ta' l-Annunzjata l-qadima. (4).

Fl-ewwel kuntratt li sar quddiem in-Nutar Ambroġ Abdilla f'Hal Balzan, nhar id-19 ta' Marzu 1655, insibu li l-ewwel grupp ta' nies li għamlu l-offerti tagħhom kienu: In-Nutar Ambrogio Abdilla, Lorenzo Borg, Mikiel Borg, Grazzju Sammut, Anġlu Micallef, Ġanni Agius, Anġlu Cauchi, Wistinu Borg, Gaspru Borg, Girlandu Debono, il-Kjeriku Pietru Bellia, Bartilmew Borg, Duminku Fenech, Bernardu Ciantar, in-Nutar Ġanni Agius, Leonardu Agius, in-Nutar Ġanni Borg, Duminku Calleja, Duminku Sammut, Ġużeppi Zarb, iż-żewġ romol Marietta Frendo u Valentina Mifsud, in-Nutar Kalċidon Fenech, Duminku Galea, Klement Muscat, Ġiljan Debono, Ġanni Sammut, Bartilmew Zarb, Grezzju Calleja u Ġamri Zarb.

Ix-xhieda ta' dan il-kuntratt kienu s-Saċ. Dun Dumink Vella minn Hal Lija u Mikiel Sammut.

It-tieni kuntratt sar fl-istess jum, nhar id-19 ta' Marzu 1655, quddiem in-Nutar Simeone Attard f'Hal Lija.

In-nies li għamlu l-offerti tagħhom kienu: Bastjan Casha, Martinu Buttiġieġ, Ġużeppi Agius, Ġiorġ Grech u Mattew Agius.

Ix-xhieda kienu Pietru Pawl Pisani u Duminku Borg, it-tnejn minn Hal Lija.

It-tielet kuntratt sar nhar il-Festa ta' l-Annunzjata, fil-25 ta' Marzu 1655, quddiem in-Nutar Simeone Attard f'Hal Lija. L-ismijiet ta' dawk li għamlu l-offerti tagħhom f'dan il-kuntratt huma:

Ġamri Żarb, Marjanu Gibstri, Ġanni Pawl Zammit, Antonio Rogitano, Tumas Attard, in-Nutar Tumas Galea, Duminku Tonna, Ġanni Vella,

(jissokta f'paġna 2)



*Il-Kwadru Titulari ta' l-*Annunzjata, xogħol, il-pittur Malti Ġużeppi Calleja, fl-1857.

NIXTIEQU L-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD

EDITORJAL

AKTAR ĦEĠĠA FIL-FESTA

Bil-mod il-mod resqin lejn il-festa titulari ta' Ħal Balzan. Ilna ħafna naraw lil tal-każini jiġbru għall-festa, u issa dalwaqt nibdew narawhom iħabirku sabiex jarmaw it-toroq u l-faċċata tal-knisja.

Żmien ilu, mhux il-każini biss kienu jieħdu nteress qawwi fil-festa iżda wkoll in-nies tal-parroċċa. Mhux għax f' dawn iż-żminijiet m'għadux ikun hawn interess, imma mhux daqs qabel. Sa ftit żmien ilu kont tieħu gost tara dak in-numru sabiħ ta' rġiel u nisa jimxu wara l-marċijet. Illum mhux għax ma' jkunx hemm, imma jkun hemm ftit wisq. L-istess jista' jingħad għall-programmi li jdoqqu l-baned. Kemm ikun hemm nies madwarhom?

Sa ftit żmien ilu wkoll kont tara ħafna nies ibajjdu u jnaddfu l-faċċata, kif ukoll iżejnu l-gallarija. Fuq il-bjut kont tilmaħ iperpru l-bnadar u mal-lejl tara dawk il-fustuni kkuluriti ma' l-istess arbli. Għalkemm illum dan għadu jsir pero' qed jidher li qiegħed jonqos mhux ħażin. L-interess fil-festi ma naqasx biss fil-funzjonijiet reliġjużi imma wkoll fis-sens ċiviku.

L-iżvilupp li qiegħed isir madwarna serqilna ħafna minn dak li huwa veru tagħna, minn dak li huwa wirt missirijietna. Ejjew ningħaqdu flimkien din is-sena u niċċelebraw il-festa bħal ma kienu jiċċelebrawha missirijietna. Ejjew immorru numerużi wara l-marċijiet u nattendu aktar għall-programmi tal-baned.

Kif qegħdin insemmu l-baned ma nistgħux aħna ma niftakrux fl-ewwel surmast tal-banda tal-Każin San Gabirjel li miet fil-11 ta' April, ta' din is-sena. L-interess qawwi li kellu sabiex igħallem lill-allievi, kif ukoll il-karattru tiegħu sempliċi u ta' bniedem li jrid jagħmel minn kollox sabiex kollox imur sew, żgur li jibqa' f'moħħ il-Balzanin, l-aktar f'moħħ dawk li huwa għallem bil-paċenzja kollha, kif ukoll fi ħsieb dawk li kienu xi darba membri tal-kumitat.

F'din il-ħarġa rridu nifirħu f'isem il-poplu ta' Ħal Balzan lir-Rev. Kan. Dun Karm Sciberras, Kappillan tagħna, li fix-xahar t'Awwissu sejjer jagħlaq ħamsa u għoxrin sena jqaddes. Ad Multos Annos.

VALLEY BUTCHER

JOHN PULLICINO

FOR FIRST CLASS MEAT

AND SERVICE

121, VALLEY ROAD, BALZAN

Telephone: 42066

IL-QALB

mit-TABIB

L-istudju tal-mediċina minn dejjem ta importanza kbira lill-mard tal-qalb, għax dan huwa mard mhux biss serju, imma komuni ħafna wkoll. Biżżejjed ngħidu li jmutu tliet darbiet aktar nies b'mard tal-qalb milli bil-kanċer. Aħjar li l-ewwel nifhmu x-xogħol li tagħmel il-qalb u mbagħad inkunu nistgħu nifhmu aħjar il-mard tal-qalb.

Il-qalb ma hija xejn iktar minn pompa. Għandha qoxra ta' barra li ngħidulha "pericardium". Taħt din il-qoxra nsibu ħxuna mhux ħażin ta' muskoli u taħt dan l-istrat muskolari nsibu strat ieħor fin ħafna li ngħidulu "endocardium". Il-qalb tirċievi d-demm mill-vini kollha tal-ġisem permezz tal-arterji li jikkomunikaw magħha. Il-qalb tikkonsisti f'żewġ partijiet — il-biċċa tal-lemin u dik tax-xellug. Dawn iż-żewġ partijiet huma wkoll maqsuma fi tnejn, u għalhekk il-qalb hija maqsuma f'erba' kompartimenti.

Il-kompartimenti tal-lemin tal-qalb jirċievu d-demm mill-ġisem, u dawk xellugin jerġgħu jibagħtuh lura lejn il-ġisem. Il-qalb tippompja xejn anqas minn ħames litri w nofs ta' demm kull minuta.

Il-qalb tista' tiġi milquta minn ħafna mard ta' natura diversa. Fost il-mard tal-qalb insibu dak li jolqot l-arterji li jipprovdu lill-qalb bid-demm; it-trombosi koronarja jew dik li nsibuha bħala "l-attakk tal-qalb". Bniedem li jintlaqat minn attakk tal-qalb iħoss uġigħ fil-quddiem ta' sidru u dan l-'uġigħ jista' jibqa' hemm jew jista' wkoll jinħass fid-driegħ xellugi jew tal-lemin, fid-dahar, fil-bokka taż-żaqq, jitla' 'l fuq għażżewġ naħiet tal-geddum jew jibda jinħass ukoll fid-dahar. Minbarra l-uġigħ x'aktarx li jkun hemm xi ftit ta' taqligħ fl-istonku u xi ftit tad-deni.

Il-kumplikazzjonijiet li jġib miegħu l-attakk tal-qalb huma mhux ftit u kollha huma importanti ħafna. Fosthom insibu l-istat ta' 'shock', l-irregolaritajiet ta' ritmu tal-qalb, iċ-ċediment tal-qalb u ħafna oħrajn. Ir-Rewmattiżmu, ħafna drabi, jolqot il-qalb. Dan ir-rewmattiżmu l-aktar jinstab fiż-żgħar u jolqot l-iktar lin-nies fqar. Wieħed li jbati mir-rewmattiżmu x'aktarx li l-ewwel jibda jbati bi griżmejh jew bil-kliewi, u xi ftit ġranet jew ġimgħat wara jibda jħoss xi ġogi (iktar minn wieħed) juġgħuh u l-uġigħ jibda jiġri minn ġog għal ieħor. Ikun hemm id-deni u l-polz jinħass mgħaġġel. Jista' jkun hemm ukoll xi 'rashes' fil-ġilda. Il-qalb, aktar iva milli le, tiġi attakkata, u l-valvoli jew 'valves' tal-qalb ma jibdewx jaħdmu kif suppost meta l-qalb tintmess mir-rewmattiżmu. Marda oħra komuni tal-qalb hija ċ-ċediment tal-qalb. Qalb tista' ċċedi biż-żmien minħabba ħafna fatturi, fosthom hemm il-pressjoni, il-mard tal-valvoli tal-qalb, l-anemija, mard tal-pulmun, u l-ischaemia tal-qalb. Il-qalb tista' ċċedi kollha kemm hi jew parti minnha biss.

Kif diġa' għidt, il-mard tal-qalb hu komuni u ħafna drabi serju. Wieħed jista' jevita kemm jista' jkun dan il-mard billi jnaqqas iċ-ċans li jimrad b'qalbu. Dan jista' jagħmlu billi jikkontrolla l-ħxuna żejda, billi jrażżan il-pressjoni għolja jew il-marda taz-zokkor, billi jaqta' għal kollox is-sigaretti, u billi jeżerċita ruħu kuljum b'moderazzjoni (mixja ta' siegħa, mill-inqas, kuljum). Fil-mard tal-qalb bħal f'kull mard ieħor l-attenzjoni hija aħjar mill-kura.

SILTIET MILL-ISTORJA TA' ĦAL BALZAN

(jaqbad minn paġna 1)

Lorenzo Psaila, Pietru Borg u Gian Pawl Fenech. Ix-xhieda kienu: Baskal Hagius u Gian Pawl Muscat.

Id-Digriet tat-Twaqqif tal-Parroċċa

Wara r-Rikors li kienu ppreżentaw lill-Isqof Mons. Balaguer iż-żewġ rappreżentanti tan-nies ta' Ħal Balzan, insibu d-Digriet tat-Twaqqif tal-Parroċċa l-ġdida ta' Ħal Balzan. (5)
Id-Digriet igħid hekk:

"Wara li bir-reqqa kollha eżaminajna l-kawżi ġusti li n-nies ta' Ħal Balzan poġġew fit-talba tagħhom li mħabba fihom iridu li jinqatgħu bil-Knejjes tagħhom, bid-djar u b'kull ma jappartjienu, Aħna nifirduhom mill-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Sant' Elena ta' Birkirkara tad-Djoċesi ta' Malta, u *lil Ħal Balzan inwaqqfuh u nagħmluh Parroċċa għalih, u lill-Knisja ta' l-Annunzjata f'dan ir-Raħal ta' Ħal Balzan nagħmluha l-Knisja Parrokkjali l-ġdida* bis-setgħat, drittijiet, u fakultajiet kollha biex tista' tieħu ħsieb ta' l-erwieħ bl-amministrazzjoni tas-Sagramenti u bl-uffiċċi kollha li l-Kappillani soltu jkollhom fl-amministrazzjoni tagħhom. Inwaqqfu u niddikjaraw imwaqqfa din il-Parroċċa u biex jista' jinżamm il-Kappillan jiġu lilu mogħtija l-primizji tal-qamħ, tax-xgħir u tal-qoton li soltu kienu jiġu mogħtija lill-Kappillan tal-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Sant'Elena ta' Birkirkara kif ukoll iċ-ċnus u dak kollu li ġie mwiegħed fit-talba li saret min-nies, kif ukoll dak li wegħdet il-mejta Giovanna Chetcuti, u jiġu applikati kif ġie mwiegħed. Naqblu wkoll li tiġi mibnija Knisja Parrokkjali ġdida......

Mogħti mill-Palazz Episkopali tagħna tal-Belt Valletta, fi żmien il-Viżta Pastorali tagħna, nhar l-14 ta' Awwissu 1655."

L-ewwel Kappillan

Wara li l-Isqof Mons. Balaguer waqqaf il-Parroċċa ta' Ħal Balzan, ħaseb li jinnomina l-ewwel Kappillan ta' din il-Parroċċa. L-Isqof għamel għażla għaqlija ħafna billi bħala l-ewwel Kappillan ta' Ħal Balzan qiegħed lil Dun Adrijanu Zarb, li kien hu l-Vigarju Perpetwu ta' Birkirkara, Dun Ġann Battista Zarb. Din l-għażla setgħet ittaffi d-dispjaċir fost il-Karkariżi li raħal ieħor ħalla l-Parroċċa Matriċi. Il-Kappillan il-ġdid ħa l-pussess nhar il-31 ta' Awwissu 1655.

Dak inhar tal-Pussess tiegħu l-ewwel Kappillan ta' Ħal Balzan, Dun Adrijanu Zarb, ħalla miktub fuq l-ewwel reġistru tal-Knisja Parrokkjali ta' l-Annunzjata dan li ġej:

"Is-sena tas-Sinjur 1655, nhar il-31 u l-aħħar jum tax-xahar ta' Awwissu, fl-ewwel sena tal-Pontifikat ta' Alessandru għall-Provvidenza Divina Papa Sebgħa, Jiena, Adrianu Zarb, li, skond ma hu meħtieġ fl-Imqaddes Konċilju Tridentinu, ġejt imqiegħed fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Annunzjata ta' Ħal Balzan mill-Illustrissmu u Reverendissmu ħuna Don Michael Joanne Balaguer Cammarasa Isqof ta' Malta, fil-Palazz ta' l-Isqof tal-Belt Valletta, quddiem ir-Reverendi Sinjuri Dun Caspar o Pisinga u Dun Giulio Cesare Carauaschino, qassisin Maltin, fl-istess jum il-31 u l-aħħar ta' l-istess xahar ġew mogħtija lili l-Privileġġi u l-ħakma tal-Parroċċa li għadha kemm ġiet imwaqqfa u mifruda mill-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara, li magħha kienet magħquda, u li l-mod kif ġiet mifruda jidher mill-qari tad-digriet li l-Illustrissmu Sinjur għoġbu jniżżel wara t-talba li kienet saritlu min-nies ta' Ħal Balzan fiż-żmien tal-Viżta ġenerali mniżżla fl-aħħar ta' l-atti tal-Viżta tal-31 ta' dan ix-xahar ta' Awwissu permezz tan-Nutar Giovanni Luqa Mamo, magħżul bħala Nutar tal-Knisja, quddiem ix-xhieda — ir-Reverendi Dun Pietro Sacco, Dun Klement Borg, u l-Kjeriku Marco Antonio Chetcuti, u ħafna xhieda oħra." (6)

Riferenzi:

1 Vella E.B.: Storja ta' Birkirkara.
2 Duzina P.: Visitatio Pastoralis, fol 69 — Ark. Arċiv.
3 Balaguer M.J.: Visit. Past. fol. 161 — Ark. Arċiv.
4 Balaguer M.J. Ibid.
5 Balaguer M.J.: Ibid.
6 Arkivju Parrokkjali Lib 2.

MAL-MEDDA TAS-SNIN

minn ANTON

Għal għaxiet in-nhar, sibt ruħi fuq is-setaħ. Lejn il-punent, is-sema kienet ħuġġieġa waħda; skiet u ħemda kullimkien. Ħasduni t-tokki tal-qanpiena l-kbira, isellmu 'l-Qaddejja tal-Mulej, fil-waqt li jfakkruna fit-Taħbira ta' l-Anġlu Gabriel — AVE MARIJA!

Ħarist madwari! Bini tiela' u ieħor qiegħed biex! Fejn huma l-ġonna li kont tara ftit tas-snin ilu? Tgħid għadu jixraqlu r-raħal, il-motto 'Hortibus Undique Septa'? Niddubita!

Ir-raħal tagħna baqa' kif kien dari, imfittex bil-bosta mill-għonja tal-gżira. Il-Kavallier Alfie Guillaumier, fl-artiklu tiegħu "Bliet u Rħula Maltin" fi 'Il-Berqa' tat-Tlieta 2 ta' Mejju, 1967, isemmi l-Palazzi Bosio, Testaferrata, u ieħor li huwa ta' l-1660, li qegħdin fi Triq it-Tliet Knejjes. Dan l-aħħar, għonja u nobbli ta' żmienna bnew vilel u djar moderni li jsaħħruk. Iżda Ħal Balzan, raħal twelidna, qed jieħu dehra oħra!

Waqt li kont inqalleb il-kotba u l-'magazines' li għandi, ġie f'idejja 'Il-Polz', organu tal-Moviment Qawmien Letterarju, ta' Ġunju 1969. Il-Faċċata ta' Quddiem hija ddedikata lil Balzani bħalna — lil Gabriel Caruana, li twieled Ħal Balzan fis-7 t'April, 1929. Inħossni kburi tassew li f'dari jinstabu biċċtejn xogħol ta' dan l-artist li fil-veru sens tal-kelma jsaħħruk; waħda mlaqqma 'Exodus', li turi żewġ stili ta' xogħol ta' Gabriel, u l-oħra 'L-Astronawti fuq il-Qamar'. Ma nixbax inħares lejhom — aktar ma nitpaxxa bihom aktar nara l-kobor tal-ħabib tiegħi Gabriel.

Hekk igħidlu Peter Serracino Inglott fil-poeżija tiegħu 'Lil Gabriel Caruana':

M'ilekx wisq li sikkitt il-weraq
jitriegħed
mal-agħsafar fil-frieghi
f'sighet is-sirda
b'daqqiet is-sikkina fil-għuda
fejn qiegħed
ixellef dix-xbiha, teħles
waħidha fil-qirda.
Xewqti xewwiexa, tifla
tiddieħek se tirfsek,
tifsiriet qarrieqa taparsi rigal
tagħtina;
w inti titberren tibqa',
waħdek, fik innifsek,
fil-ħolm imgħaddab li ħadd
m'hu jweġibna.
Ħa jofroq dagħbien is-skiet
ħerqan ilsienna,
niltaqgħu t-tnejn fil-ħofra
tobrom bejnietna:
x'ingħidu? għixien imwiegħer,
tmiem imgħaġġel,
jew forsi leħen l-Għuda 'l
hemm minna jwassal?

Wieħed li jgħodd ma' l-erba' għexieren urieni Innu lil Marija Annunzjata 'fil-jum għażiż tagħha, iffesteġġjat bi kbira pompa fil-parroċċa ta' Ħal Balzan, fil-25 ta' Marzu, 1901.' Dan l-innu ta' tifħir kien miktub minn Emmanuele Borg u mitbugħ għand Paolo Cutruffo.

Il-festa tal-Lunzjata kien hemm żmien li kienet issir fit-18 ta' Diċembru biex ma jagħmluhiex fir-Randan għax ma' tul dan iż-żmien ma kinux jistgħu jsiru festi. Il-jum 25 ta' Marzu ġie b'dan il-mod: l-antiki kienu jaħsbu li Kristu miet fil-25 ta' Marzu u għalhekk tnissel fi ħdan Marija fl-

(jissokta f'paġna 3)

IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

Din il-ħarġa tal-gazzetta tagħna hija għal tnejn mill-isbaħ xhur tas-sena, tant mill-aspett naturali, kif ukoll minn dak spiritwali.

Kemm hija sabiħa u ġeneruża magħna n-natura f'dan iż-żmien! Xi fwieħa, xi ħlewwa, x'ilwien, x'għana u benna fil-ġonna tagħna! Ir-raħal tagħna u dawk tal-qrib huma fost l-isbaħ ta' Malta, u jekk tieħu pjaċir dejjem li tgħix fihom, wisq u wisq iżjed għandek biex titpaxxa u tħenni qalbek matul dawn il-ġimgħat. Dan huwa ż-żmien meta n-natura kollha tistenbaħ għal ħajja ġdida, u lkoll kemm aħna nħossuna aktar friski u aktar imħejjija għax-xogħol; f'kelma waħda, nħossuna li rridu "ngħixu".

Mill-aspett spiritwali, Mejju u Ġunju huma wkoll fost l-isbaħ xhur tas-sena: Mejju x-xahar tal-Madonna, Ġunju dak tal-Qalb ta' Ġesu'.

"Fil-ħlewwa ta' Mejju, Omm tagħna Marija, Oh kemm idoqq ħlejju dak ismek sabiħ". Ma tistax tiftakar f'Mejju bla ma tara quddiemek wiċċ il-Madonna. Ma tistax taħseb f'Mejju mingħajr ma tgħaqqad miegħu lil Marija. Iżda din is-sena x-xahar ta' Mejju għandu għalina l-Balzanin tifsira speċjali għal dak li għandu x'jaqsam mal-Madonna. Wara x-xewqa mfissra mill-Arċisqof tagħna xi żmien ilu biex matul din is-sena kull Parroċċa f'Malta tilqa' fiha għal xi granet l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li nġiebet Malta fil-1948, il-Kleru tal-Parroċċa tagħna, mgħejjun minn xi membri tal-Għaqdiet, ħejja Programm speċjali għall-aħħar għaxart ijiem ta' Mejju, meta ser ikollna fostna l-istatwa msemmija. Hawn ma huwiex il-post li nagħti dettalji fuq dak li ser isir għal din l-okkażjoni, imma ma ridtx inħalli tgħaddi din l-opportunita' biex inħeġġeġ lill-parruċċani kollha li jieħdu sehem sħiħ fiċ-ċirkustanzi kollha tal-festi mħejjija.

Ix-xahar ta' Ġunju huwa ddedikat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu' dik il-qalb "li tant ħabbet lill-bnedmin" u li hija x-xempju tal-vera mħabba ta' Alla u tal-proxxmu tagħna. Malli nkunu spiċċajna l-festi tal-Madonna fl-aħħar jum ta' Mejju, nibdew Ġunju bil-festa għażiża tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, Corpus Christi. Hija l-festa li, biex ngħid hekk, iddaħħalna fil-veru spirtu tad-devozzjoni lejn il-Qalb Ewkaristika ta' Ġesu'. Matul dan ix-xahar naħsbu lkoll biex inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lill-Qalb Imqaddsa, u din għandha tkun ġurnata għażiża u speċjali għall-familja kollha. Nagħżluha meta rridu aħna, imma ma nħalluhiex barra. Ma hemmx għalfejn ikollna l-qassis magħna għal din l-okkażjoni, u biżżejjed li ngħidu xi talba quddiem Ġesu', li biha nwegħduh fedelta' assoluta għar-rieda tiegħu.

Matul dan ix-xahar ikollna wkoll il-ġrajja ewlenija tal-Parroċċa: il-festa titulari ta' Marija Annunzjata fil-11 tax-xahar. Hija okkażjoni oħra li biha nġeddu r-rabta tagħna ma' dik il-Knisja li għandha tkun it-tieni dar tagħna, għax hija l-post fejn ninġabru flimkien għall-qima tal-Mulej, u li fiha niċċelebraw l-aktar okkażjonijiet sbieħ ta' ħajjitna.

Nixtieq minn qalbi lil kulħadd li mill-ġrajjiet ta' matul dawn ix-xahrejn jieħu l-akbar profitt għal ruħu fil-mixja tiegħu lejn pajjiżna tas-sema.

SER TIŻŻEWWEĠ?

SER TITGHARRAS?

SER TAGHMEL XI PARTY?

IS-SALA "AURORA"

HIJA L-POST IDEALI GHALIK

BOOKINGS

għand

IL-KAPPILLAN

Tel. K. 42614

SPORTS

CANS TAJJEB FIN- 'KNOCK-OUT,


Issa li l-'league' tat-Tielet Diviżjoni spiċċa, bdiet in-'Knock-Out' bejn it-timijiet tas-sezzjonijiet kollha.

Fl-ewwel partita tagħna, aħna tlajna kontra l-Qrendi u xejn ma kienet sorpriża li rbaħna 4-1 b'gowls ta' Darmanin (2), Mizzi u Mifsud. Timijiet kbar bħal Żejtun Corinthians u Senglea inqalgħu mill-bidu tan-'Knock-Out' u dan jagħti ċans lilna li b'xi mod nakkwistaw dan l-unur. Ħal-Lija wkoll inqalgħu kmieni għax tilfu kontra St Peter's 1-0.

Fit-tieni rawnd, aħna messna nilagħbu kontra St. Peters fejn kulħadd stenna li l-istess xorti li messet lil Ħal-Lija se tmiss lilna; iżda l-logħob mexa' mod ieħor għax irbaħna 3-2. Kienet partita bbilanċjata ħafna fejn St. Peters marru fil-vantaġġ wara 3 minuti permezz ta' Incorvaja (l-istess player li skorja kontra Ħal-Lija). ImmaBalzan ma qatgħux qalbhom u ġabu d-draw permezz ta' Bonavia. Fit-tieni taqsima, aħna morna fil-vantaġġ permezz ta' Stevens filwaqt li Callejja ġab id-draw għas-'Saints'. Ftit minuti qabel it-tmiem, Mizzi skorja l-gowl tar-rebħa biex b'hekk aħna dħalna fis-semi finali tan-'Knock Out'.

Issa, Balzan iridu jilagħbu kontra Naxxar jew Sirens li din għad trid tiġi milgħuba. Kuraġġ Balzan għar-rebħ ta' l-unur.

F'ħarġa oħra nippubblikaw apprezzament dwar il-mibki Carmelo Briffa, l-ewwel surmast tal-Banda San Gabriel. Mro. Briffa miet fil-11 ta' April li għadda.



Is-Sala Parrokkjali "Aurora" ta' Ħal Balzan din is-sena tagħlaq 10 snin. Is-Sala nbniet bit-tħabrik tal-Kappillan tal-Parroċċa, il-Kan. Carmelo Sciberras, li ilu Kappillan tagħna minn Novembru 1954.

L-ewwel ġebla tbierket u tqiegħdet mill-Eċċellenza Tiegħu Rev.ma Mons. Emm. Galea, Isqof ta' Tralles u Vigarju Ġenerali, fil-5 ta'Frar 1956.

It-tberik u ftuħ uffiċjali tas-Sala sar mill-Eċċellenza Tiegħu Rev.ma Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof Metropolita, fis-6 ta' Mejju 1962.

Matul dawn is-snin is-Sala serviet għal ħafna attivitajiet ta' natura differenti, fosthom ħidmiet organizzati mill-Kumitat Ċiviku tagħna. Nistgħu ngħidu li hija tassew iċ-ċentru għall-edukazzjoni u r-rikreazzjoni tal-poplu tal-Parroċċa.

Elite MENSWEAR

of South Street, Valletta

DRESS WEAR HIRE SERVICE FOR FASHIONABLE WEDDINGS AND SPECIAL OCCASIONS

We sell clothes too!

IN FACT WE ARE THE EXCLUSIVE CENTRE FOR MENSWEAR

JRP

(jaqbad minn paġna 2)

istess jum u dik inhar inħolqot id-dinja. Fuq dan ukoll intgħażlet id-data għall-Milied.

Din il-festa sas-sena 1919 kienet festa kmandata; imbabba t-tibdil li sar fil-ħajja tal-bnedmin, il-Knisja naqqset ħafna mill-festi kmandati. Ħal Balzan, il-Festa bdiet issir f'Ħadd il-Ġdid u l-ewwel tridu kien jibda nhar San Ġirgor. Bħal issa nsibuha ssir f'Ġunju.

Niftakar meta kienet issir Ħadd fuq il-Għid dejjem b'taqtigħ ta' qalb rigward it-temp. Iżda meta kien ikun bnazzi, n-nies kienu jagħmlu għaliha ferm. Telefonati Ħal Luqa kien jsiru minn xi jiem qabel. Nismagħhom igħidu illi jekk joħroġ bnazzi nhar San Ġużepp, jiġifieri fid-dsatax ta' Marzu, nhar il-Lunzjata jkun bnazzi wkoll. Sena minnhom, meta ma ħarġitx, kien maltemp kbir. Faqqgħu sajjetti u waħda minnhom sabansitra daħlet fejn kien joqgħod missier il-Konti, fi Triq il-Barriera.

Fis-sena 1955, f'egħluq it-tielet ċentinarju mit-twaqqif tal-Parroċċa, saru ġimgħa festi mill-10 sas-17 t'April. Is-Sibt, 16 t'April, indaqq għall-ewwel darba 'Innu lil Marija Annunzjata' mużika ta' Dun Karm Xerri fuq versi ta' Dun Frans Camilleri. Mexxa l-Banda San Gabriel, is-Surmast Carmelo Briffa, Alla jaħfirlu, u ħadu parti t-tenur Joe Zammit Harrison u kor ta' 50 tifla.

Fi Triq id-Dritta, maġenb id-dar tal-Kappillan, hemm is-Sala Aurora. Niftakar qisu l-bieraħ, meta nhar il-Ħadd 5 ta' Frar, 1956, fil-għaxija tqiegħdet l-ewwel ġebla tas-Sala. Mexxa ċ-ċerimonja l-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Emanuele Galea, Vigarju Ġenerali. Niftakar l-imgħallmin Salvu Grech (Il-Qagħdi), tagħarfu mill-beżbuża bajda taħt xofftejh, u Kalċidon Mallia (Ta' Ganga). Qabel it-tqegħid tal-ġebla, l-Kappillan, il-Kan. C. Sciberras, fisser il-għanijiet li għalihom kienet se tinbena s-sala. Il-parrinijiet fit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla kienu Mons. F.X. Zaħra, li kien Kappillan ta' Ħal Balzan, u n-Nobbli Konti Bernardino Manduca Piscopo Macedonia Zamitt. Niftakar ukoll il-ftuħ uffiċjali tagħha fis-6 ta' Mejju, 1962. Il-programm dak in-nhar kien isaħħrek.

U hekk tintemm silta oħra dwar x'ġara mal-medda tas-snin fir-raħal sabiħ u mfewwaħ tagħna. Ir-raħal tagħna huwa post kwiet u nadif u din hija r-raġuni li ħafna u ħafna qegħdin jibnu d-djar tagħhom hawn. Sbieħ tassew il-vilel li qegħdin iżejnu r-raħal tagħna; iżda bil-bosta isbaħ it-Triq it-Tliet Knejjes, ħdejn is-salib, fejn tħossok qiegħed verament fil-qalb ta' Ħal Balzan, fejn kienu jgħammru l-ewwel Balzanin, dawk li kienu jistgħu jiftaħru bir-raħal tagħna bħala raħal imdawwar kullimkien b'oqsma ħadrana

FRATER DOCTOR JOSEPH ZAMMIT

L-EWWEL GHALLIEM TAL-ANATOMIJA U TAL-KIRURĠIJA FL-ISKOLA MEDIKA TA' MALTA

minn Dr. PAWLU CASSAR M.D., B.Sc., D.P.M.(Eng.), F.R.Hist.S.(Lond.)
Fellow of the Royal University of Malta

KEMM MINN DAWK IN-NIES LI JMORRU L-KNISJA PARROKKJALI TA' ĦAL BALZAN U JOQOGĦDU, WAQT XI FUNZJONI, QUDDIEM L-ARTAL TA' SAN PAWL EREMITA JGĦADDILHOM MINN RASHOM LI TAĦT RIĠLEJHOM HEMM IL-QABAR TA' WIEĦED MILL-AKTAR TOBBA MAGĦRUFA MALTIN? NAĦSEB LI ĦADD MINNHOM MA JOBSOR LI HEMMHEKK, FUQ IL-MITEJN U TLETIN SENA ILU, ĠIE MIDFUN FRATER DOCTOR JOSEPH ZAMMIT LI KIEN WAQQAF DAN L-ARTAL MADWAR TLETIN SENA QABEL MEWTU.

Fil-bidu tas-seklu sbatax fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata ta' Ħal Balzan kien hemm artal id-dedikat lil San Pawl Eremita li kien twaqqaf minn Lorenzo Borg wara talba lill-Isqof Thomas Gargallo fl-4 ta' Diċembru 1601. L-ewwel ħjiel li sibna ta' l-interess ta' Dr. Zammit f'dan l-artal joħodna lura fiż-żmien fis-sena 1686 meta, fl-24 ta' Settembru, huwa ħalla biċċa art għaċ-ċelebrazzjoni ta' quddies fl-ottava tal-festa tal-qaddis.

F'dan il-waqt kienet qiegħda tinbena l-Knisja Parrokkjali tar-raħal li naraw illum (1669-95). Fis-16 ta' Ottubru tal-1711 Fra Dr. Giuseppe Zammit talab lill-isqof biex l-artal ta' San Pawl Eremita jiġi meħud mill-Knisja tal-Lunzjata għall-Parroċċa l-ġdida u jitqiegħed flok dak tal-Kurċifiss. Din it-talba ġiet milqugħa mill-isqof fit-30 ta' Ottubru(1). B'hekk beda jseħħ l-artal ta' San Pawl Eremita li jinsab in-naħa tal-lemin ta' min iħares lejn l-artal maġġur(2). Fr. Dr. Zammit ħalla legat biex jitħallsu l-ispejjeż għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' dan il-qaddis fis-26 ta' Jannar(3).

Illum wieħed għalxejn ifittex il-lapida li fl-imgħoddi kienet tgħatti l-qabar tiegħu billi nija ġiet maqlugħa xi għoxrin sena ilu meta l-art tal-knisja nksiet bl-irħam. Din il-lapida kienet saret fl-1741 min-neputija tiegħu Agatha Farrugia Magri, li wirtet lil Fr. Dr. Zammit(4). Dawk in-nies, iżda, li ġieli jid-ħlu fil-kor għandhom imnejn jindunaw li hemm kopja ta' din il-lapida miktuba bil-Latin u mwaħħla mal-ħajt in-naħa tal-lemin tal-artal tal-kor.

Din il-kitba tgħid li Fr. Dr. Zammit miet ta' disgħin sena fit-2 ta' Ottubru 1740; imma f'din id-data hemm daqsxejn ta żball għaliex, jekk wieħed ifittex fil-Ktieb tal-Mejtin tal-Parroċċa (Vol. II), isib li Fr. Dr. Zammit miet fix-xahar ta' Novembru u mhux ta' Ottubru kif hemm minqux fil-lapida tal-kor. Dan jixhduħ ukoll dokumenti li jinsabu fil-Biblijoteka Publika tal-Belt(5). Fejn dawn id-dokumenti ma jaqblux ma' xulxin huwa dwar kemm kellu snin Fr. Dr. Zammit meta miet. Hemm min qal 90 sena(6), oħrajn 91(7) u anki 94(8). Ma hemmx dubju, iżda, li Fr. Dr. Zammit miet ta' 90 sena għax nafu li huwa twieled fl-1650 fit-18 ta' Marzu(9).

Hemm min kiteb li Fr. Dr. Zammit twieled iż-Żurrieq(10) iżda mit-tfittix li għamilna fl-Arkivju tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann sibna li huwa twieled il-Belt Valletta fil-jum fuq imsemmi u tgħammed l-għada 19 ta' Marzu fil-Knisja ta' Portu Salvu, jiġifieri tad-Dumnikani(11). Jista' jkun li semmewh Ġużeppi għax tgħammed fil-jum tal-festa ta' dan il-qaddis.

Aktarx li Fr. Dr. Zammit qatta' ħajtu fil-Belt Valletta. Kien hemm żmien meta huwa kien igħix u joqgħod f'kamra fl-Infermerija tal-Belt fejn kien jaħdem, u milli jidher ma għex f'Ħal Balzan anqas fi xjuħitu. Dana naħsbuh għax ismu ma jidhirx ma' dak tal-qassisin li kienu joqogħdu f'dan ir-raħal(12).

Għalkemm Fr. Dr. Zammit twieled u għex il-Belt, missieru u ommu kienu minn Ħal Balzan u n-nanniet ukoll. Missieru kien jismu Pietru, u ommu Katarin Borg; in-nannu min-naħa tal-missier kien Ġulju Zammit u n-nanna Bernarda; in-nannu min-naħa tal-omm kien Gaspru Borg u n-nanna Vennera.


Ftit għandna tagħrif dwar il-ħajja ta' Fr. Dr. Zammit min-kejja l-fatt li huwa kien bniedem magħruf fi żmienu u li għex għal ħafna snin. Ma nafux fejn studja l-mediċina iżda nistgħu ngħidu fiż-żgur li huwa studja barra minn Malta għax dak iż-żmien fil-gżejjer tagħna kien għad ma kellniex Università u lanqas Skola Medika. Tabilħaqq kien proprju Fr. Dr. Zammit li, għall-ewwel darba f'Malta, ġie maħtur l-ewwel Mexxej u Għalliem (*Lettore*) tal-Katedra tal-Anatomija u Kirurġija li waqqaf il-Gran Mastru Nikola Cottoner fis-Sagra Infermerija tal-Belt Valletta fl-1676. B'hekk beda f'Malta t-tagħlim formali u organizzat tal-anatomija, jew l-istudju ta' kif inhu mibni l-ġisem tal-bniedem, u tal-kirurġija, jew kif jissewwa l-ksur tal-għadam, jiddewwew il-ġrieħi u jsiru l-operazzjonijiet. Minn din il-Katedra, li Fr. Dr. Zammit mexxa matul ħajtu, tnisslet l-Iskola Medika ta' Malta li għandna llum u li fl-1769 ingħaqdet mal-Fakoltà tal-Mediċina tal-Università meta din twaqqfet mill-Gran Mastru Emanuel Pinto.

Fl-1679 Fr. Dr. Zammit talab lill-Gran Mastru biex iwaqqaf xirka (*Accademia*) jew għaqda tat-tobba bil-għan li dawn jiltaqgħu flimkien, kif u meta tinħass il-ħtieġa, biex jistħarrġu l-għamla tal-mard li kien jidher minn żmien għall-ieħor fil-gżejjer tagħna, kif jagħarfuh u jikkontrollawh. Il-Gran Mastru laqa' din it-talba u Fr. Dr. Zammit intgħażel bħala l-ewwel President (*Principe*) tagħha — kariga li dam fiha sal-1694.

Huwa għamel għotja tal-kotba tiegħu tal-mediċina u tal-kirurġija u soġġetti oħra lis-Sagra Infermerija fit-28 ta' Jannar 1687(13). F'dan l-isptar, fejn Fr. Dr. Zammit kien igħallem u jgħix, bnew sala apposta biex tilqa' dawn il-kotba u tintuża bħala librerija. F'din is-sala tqiegħdet xbiha ta' Fr. Dr. Zammit bħala radd ta' ħajr u taħtha, minquxa fil-ħajt, kien hemm kitba bil-Latin(14) li tfakkar l-għotja tiegħu.

Illum la s-sala u lanqas l-iskrizzjoni ma għadhom jeżistu billi dan il-qasam tas-Sagra Infermerija ġġarraf fl-aħħar gwerra dinjija.

Fr. Dr. Zammit kien għamel l-għotja tal-kotba tiegħu bil-ftehim li (a) jħalluh jissokta jgħix fis-Sagra Infermerija mingħajr tfixkil; (b) jibqa' juża l-kotba li kien ta; (ċ) il-kotba jinqraw mit-tobba tal-Infermerija u mill-Għalliema tal-Anatomija u Kirurġija li jilħqu warajh; (d) ħadd ma jissellef kotba biex joħroġhom mil-librerija; u (e) wara mewtu l-librerija tinżamm fis-Sagra Infermerija(15). Malmedda taż-żmien din l-aħħar xewqa ta' Fr. Dr. Zammit ma baqgħetx isseħħ għax fid-29 ta' Jannar 1797 il-kotba ttieħdu fil-Biblijoteka Publika(16) bl-ordni tal-Gran Mastru u l-Kunsill tiegħu(17). X'uħud minnhom illum jinstabu f'din il-Biblijoteka fil-Belt Valletta u jġibu dan il-kliem bil-Latin miktuba minn idejh *F. Joseph Zammit dedit et donat*(18), jiġifieri *"Frater Ġużeppi Zammit ta bħala għotja"*. F'din il-biblijoteka hemm ukoll ritratt taż-żejt ta' Fr. Dr. Zammit li aktarx li huwa l-istess wieħed li kien hemm fis-Sagra Infermerija u li sa ftit żmien ilu kellu taħtu kitba bil-Latin li ssemmi l-għotja tal-kotba tiegħu.



— It-Tabib Fra Giuseppe Zammit — Kwadru fil-Bibljoteka tal-Belt miġjub bil-permess tal-bibljotekarju.

Billi fis-seklu sbatax il-biċċa l-kbira tal-mediċini kienu jinħadmu mill-ħxejjex, Fr. Dr. Zammit ħaseb biex għamel ġnien ta' ħxejjex mediċinali fil-foss tal-Kastell Sant'Elmu, li jinsab qrib ħafna tal-Infermerija, biex l-istudenti jitgħallmu jagħarfuhom, jitrawmu kif u meta jiġbruhom, u kif isawruhom u f'liema mard jagħtuhom. Dan il-ġnien li twaqqaf fl-1690 baqa' jseħħ sal-miġja ta' Napuljun fil-gżejjer tagħna fl-1798. Sal-1845 kien għad hemm kitba bil-Latin fil-foss ta' San'Elmu li tgħid li Fr. Dr. Zammit kien għamel għotja ta' ħxejjex miġbura, minnu u bi flusu, minn ħafna pajjiżi tad-dinja(19).

Fr. Dr. Zammit kien it-tabib personali ta' ħames Gran Mastri fosthom Nikola Cottoner (1663-80), Gregorju Caraffa (1680-90), Markantonju Zondadari (1720-22) u Antonju Manoel de Vilhena (1722-36)(20). Huwa kien ikkura wkoll it-tifel naturali tar-Re Ġakmu II ta' l-Ingilterra, Henry Fitz James, meta dan żar Malta tnax-il jum fil-bidu ta' Diċembru 1687(21).

F'Jannar tal-1722, meta wasal għat-72 sena, huwa talab lill-Gran Mastru biex iħallih jitlaq mix-xogħol ta' tabib tas-Sagra Infermerija u ta' Għalliem tal-Anatomija u Kirurġija u jingħata pensjoni. Fr. Dr. Zammit kien imġiegħel jagħmel dan minħabba ż-żmien li kellu u n-nuqqas ta' saħħtu. Huwa talab ukoll biex in-neputi tiegħu, Dr. Giuseppe Farrugia, jieħu postu bħala Għalliem fil-Katedra tal-Anatomija u tal-Kirurġija billi dan it-tabib kien ilu jgħallem flok Fr. Dr. Zammit għal għoxrin sena. Dawn it-talbiet ġew milqugħa mill-Gran Mastru, iżda f'Lulju ta' l-istess sena (1722), Fr. Dr. Zammit ingħata l-għola grad tal-professjoni meta nħatar Tabib Ewlieni tal-Gvern (*Protomedico*)(22).

Wieħed mit-tobba ta' żmien Fr. Dr. Zammit kien sejjaħlu *Dottor Fisico Sacerdote Fra Giuseppe Zammit*(23). Għaliex, wieħed jistaqsi, *Sacerdote* u *Fra*? Għaliex barra milli kien tabib, Fr. Dr. Zammit kien ukoll qassis u msieħeb bħala Kappillan tal-Ubbidjenza fl-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann li dak iż-żmien kienet taħkem fuq il-gżejjer tagħna. Għalhekk insibu li barra milli kellu t-titlu ta' *Doctor*, għax tabib, huwa kellu wkoll dak ta' *Frater* (*Fra* fil-qosor) u li jfisser *Hu* bil-Malti. Il-kavallieri kienu jsejħu lil xulxin hekk billi huma kienu jqisu lilhom infushom bħala aħwa minħabba li kienu mseħbin f'xirka reliġjuża.

Fr. Dr. Zammit sar Kappillan tal-Ubbidjenza fis-17 ta' Ġunju 1677 taħt it-titlu tal-Knisja ta' San Pawl Appostlu ta' San Pawl il-Baħar. Huwa kien ukoll igawdi benefikat tal-Knisja tal-Madonna tal-Pilar tal-Belt Valletta(24).

Fl-aħħarnett Fr. Dr. Zammit kien ġiegħel li jsiru, minn butu, għadd ta' ritratti taż-żejt ta' nies Maltin magħrufa f'diversi oqsma tal-ħajja u wara mewtu ħallihom lill-Kulleġġ tal-Ġiżwiti tal-Belt Valletta, illum l-Università l-qadima. L-għan tiegħu kien li jħajjar lill-istudenti ta' dan il-kulleġġ biex jimxu fit-triq ta' dawn in-nies ta' qabilhom fl-għerf, fit-tjieba u fit-tjubija. Kull ritratt kellu kitba bil-Latin, imfassla minn Fr. Dr. Zammit innifsu, li ssemmi fil-qosor l-aktar ġrajjiet importanti tal-ħajja tal-persunaġġ impitter. Ħafna minn dawn ir-ritratti kienu ġa għebu f'nofs is-seklu li għadda meta ma kienx għad fadal ħlief terz biss minnhom; iżda għad hemm ġabra mdaqqsa minnhom iżżejjen il-ħitan tal-kurituri tal-Università l-qadima li ġa semmejna(25).

B'hekk Fr. Dr. Giuseppe Zammit, għalkemm ftit huma dawk li llum jafu bih u bix-xogħol għaqli u siewi tiegħu, għadu sa żmienna jagħmel il-ġid lill-iż-għażagħ tagħna billi jfakkarhom fin-nies kbar ta' artna u jħeġġiġhom biex iżommu dejjem għoli l-ġieħ tal-gżejjer tagħna u tagħhom infushom.

Riferenzi

(1) Dimech, G. Siltiet mill-istorja ta' Ħal Balzan, *Ħal Balzan*, No. 4, 1972, p. 2.
Ferres, A. Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo, Malta, 1866, p. 509.
Libro 20, fol. 321, Arkivju Parrokkjali, Ħal Balzan.
(2) Visitatio Jacobus Cannaves, 28 ta' Ottubru 1716, n.p., Kurja Arċiveskovili.
(3) Libro bilanciale della parrochiale chiesa di Balzan, No. 24, dal 1 mo. febraio 1809, Arkivju Parrokkjali, Ħal Balzan.
(4) Visitatio B. Rull, 9 ta' Ottubru 1758, Vol. 2, fol. 1, Kurja Arċiveskovili.
(5) Reboul, G. Giornale de' successi dell'isole di Malta e Gozo, Malta, 1935, p. 50.
Catalogo dei codici e manoscritti inediti, Malta, 1856, p. 11, Royal Malta Library (RML).
(6) Storia della Società Medica d'Incoraggiamento di Malta, Malta, 1845, p. iv & viii.
(7) Ms. 1142, para. 183, RML.
Ms. 1143, para. 146, RML.
(8) Schembri, A. Selva di autori e traduttori maltesi, Malta, 1855, p. xxxi.
Catalogo dei codici eċċ, p. 11.
(9) Arch. 5233, fol. 237, RML.
Registri tat-twelid, Vol. I, 1573-1650, fol. 851, Arkivju tal-Knisja ta' Portu Salvu Valletta.
(10) Calleja, G. The Works of Art in the Churches of Malta, Malta, 1881, p. 191.
(11) Arch. 5233, fol. 237, RML.
(12) Status animarum, Liber 18, 1733-74, Arkivju Parrokkjali, Ħal Balzan.
(13) Arch. 747, fol. 4, RML.
(14) Storia della Società Medica eċċ, p. iv.
(15) Arch. 128. fol., 179, RML.
(16) Castagna, P.P. Lis storia ta Malta, Malta, 1890, p. 130.
(17) Arch. 276, fol., 32, RML.
(18) Parisi, P. Aggiunta a gli avvertimenti sopra la peste, Palermo, 1603.
Cavallini, F. Melita liberata a peste, Rome, 1690.
(19) Storia della Società Medica eċċ, p. iv & viii.
(20) Zammit, N. *L'Arte*, No. 58, 7 ta' April, 1865, p. 24.
Catalogo dei codici eċċ, p. 11, RML.
(21) Ms. 1143, para, 183, RML.
Arch. 263, fol. 27t, RML.
Mifsud, A. Knights Hospitallers of the Venerable Tongue of England in Malta, 1910, pp. 37 & 226.
(22) Ms. 429, Bandi 1722-36, fol. 21, RML.
(23) Arch. 1187, fol., 392, RML.
(24) Reboul, G., op. cit., p. 50.
Arch. 5233, fol., 243, RML.
Arch. 486, fol., 209t, RML.
(25) Ms. 1142, para. 183, RML.
Catalogo dei codici eċċ, p. 11, RML.

Inrodd ħajr lir-Rev. J. Busuttil (San Ġiljan), lir-Rev. G. Dimech (Ħal Balzan), lil Chev. J. Galea (Mdina) u lir-Rev. Fr. Ph. Mallia O.P. (Valletta) tal-għajnuna li tawni waqt it-tfittix tiegħi.